**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Ministru ta' l-Ambjent *et*

*versus*

Maurice Portelli *et noe*

## Mandat - Qbid - Imgħax - Minn meta Jiddekorri

*L-atturi talbu revoka ta' Mandat ta' Qbid esekuttiv maħruġ kontra tagħhom għaliex ma kienx hemm indikazzjoni ċara liema sentenza qed tintalab l-esekuzzjoni u ma kien hemm ebda sentenza fil-konfront tagħhom li kkundannat lill-atturi jħallsu l-imgħax.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi ċaħdet it-talbiet attriċi. Kwantu għall-ewwel premessa, għalkemm kien ikun aħjar li kieku kien hemm indikazzjoni ċara, ma kien ġie vvjolat ebda prinċipju ta' ġustizzja. Kwantu għall-imgħax huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tagħna li meta l-ammont dovut ikun magħruf fis-sens li jkun mhux biss ċert, dovut imma kkwantifikat, allura l-interessi dovuti, aktar u aktar f'każ fejn l-ammont in kwistjoni ġie aġġudikat minn Qorti kompetenti, jibdew jiddekorru minn dakinhar li din il-posizzjoni tkun ġiet hekk*

*ikkristallizzata.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni tagħhom ta' l-14 ta' Jannar, 1993, l-atturi talbu r-revoka u l-annullament tal-mandat ta' qbid esekuttiv numru 2323/92 maħruġ fid-9 ta' Diċembru, 1992 fl-ismijiet **Maurice Portelli u Stephen Sammut Tagliaferro għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà C.P.L. Developments Limited *vs* Ministru ta' l-Ambjent u d-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi** u dan stante li fl-istess mandat ma kienx hemm indikazzjoni ċara dwar liema sentenza jew sentenzi kienet qiegħda tintalab l-esekuzzjoni u subordinatament, stante li ebda sentenza tad-19 ta' Ġunju, 1975 jew tad-29 ta' Mejju, 1991, liema dati kienu msemmija fil-mandat ma kkundannat lill-atturi jew lill-predeċessuri tagħhom fil-kariga jew fil-funzjonijiet biex iħallsu lill-konvenuti l-imgħaxijiet mitluba fil-mandat;

Il-konvenuti *nomine* eċċepew illi għalkemm ma hemmx indikat b'mod speċifiku l-ismijiet tas-sentenzi li fuqhom qiegħed jintalab il-ħruġ tal-mandat, huwa ovvju illi l-mandat qiegħed jinħareġ skond l-okkju tas-sentenza ndikata fl-istess mandat bid-dati mogħtija;

Illi, mingħajr preġudizzju tal-premess, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju, 1975, illikwidat u kkanonizzat lill-eċċipjenti fl-ammont li jifforma l-meritu ta' l-odjerna istanza, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell kif indikat fl-istess mandat. Illi għalhekk it-talba ta' l-atturi għar-revoka tal-mandat hija mingħajr ġustifikazzjoni u vessatorja;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

B'sentenza tas-6 ta' Novembru, 1995, il-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet ta' l-esponenti bl-ispejjeż kontra tagħhom;

L-atturi ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tas-6 ta' Novembru, 1995 u għalhekk intavolaw appell minnha fuq l-aggravji segwenti:

Kwantu għall-ewwel talba:

F'din it-talba l-esponenti talbu lill-Qorti:

"Tirrevoka u tannulla l-mandat ta' qbid esekuttiv numru elfejn, tliet mija u tlieta u għoxrin ta' l-elf, disa' mija u tnejn u disgħin (2323/92 GB) ... stante li fl-istess mandat ma hemmx indikazzjoni ċara dwar liema sentenza jew sentenzi qiegħda tintalab l-esekuzzjoni";

L-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba għal żewġ raġunijiet:

Illi huwa lloġiku li ssir insistenza li l-mandat huwa null għax l-okkju tal-mandat u tas-sentenza li huwa nħareġ biex jesegwixxi mhumiex l-istess u dan stante li l-persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ta' soċjetà kummerċjali minn żmien għal żmien jinbidlu kif, del resto, jinbidlu l-persuni li jiddjtjenu karigi pubbliċi; u

Illi għad li "huwa loġiku li talba għal esekuzzjoni ta' sentenza jrid ikun fiha ndikazzjoni tas-sentenza jew sentenzi li l-esekuzzjoni tagħhom qed tintalab" dan huwa meħtieġ biss "sabiex il-Qorti li tordna l-ħruġ ta' l-istess mandat tkun tista' tivverifika li t-talba hija ġustifikata u tirriżulta mill-atti". La darba l-Qorti li ħarġet il-mandat, a bażi ta' indikazzjoni biss ta' dati ta' sentenzi kienet sodisfatta li t-talba hija ġustifikata u fil-

fatt "għaddiet biex tagħti l-provvediment opportun" dan juri li kien hemm indikazzjoni suffiċjenti tas-sentenzi u l-kwistjoni tieqaf hemm. Di più, l-ebda wieħed mill-artikoli 284, 276 jew 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jgħid li n-nuqqas ta' ndikazzjoni ta' l-okkju tas-sentenza li tkun qed tiġi esegwita ma jġib in-nullità tal-mandat esekuttiv;

Dwar dawn ir-raġunijiet l-esponenti jissottomettu s-segwenti:

Dwar l- "illoġiċità" ta' l-insistenza li l-mandat huwa null għax l-okkju bħal tas-sentenza, l-esponenti jirrilevaw illi għad li dan il-prinċipju jirriżulta minn ġurisprduenza msemmija fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, it-talba tagħhom fiċ-ċitazzjoni *ma kinitx tirrepeti dan il-prinċipju;*

It-talba fiċ-ċitazzjoni ma kinitx tgħid li l-mandat huwa null għax l-okkju mhuwiex l-istess bħal tas-sentenza iżda kienet tgħid li huwa null għax ma kienx hemm indikazzjoni fil-mandat (u ċjoè lanqas fil-korp tiegħu) ta' l-okkju tas-sentenzi li tagħhom kienet qiegħda tintalab l-esekuzzjoni;

L-Ewwel Onorabbli Qorti stess aktar 'il quddiem fis-sentenza ddikjarat li "huwa loġiku li talba għall-esekuzzjoni ta' sentenza jrid ikun fiha indikazzjoni tas-sentenza jew sentenzi li l-esekuzzjoni tagħhom qed tintalab". L-esponenti ma jistgħux jifhmu kif meta l-Ewwel Qorti tenunċja dan il-prinċipju dan huwa "loġiku" mentri meta jkunu huma li jgħidu l-istess ħaġa dan jiġi timbrat bħala "illoġiku";

Fil-fatt huwa ċar illi mandat għall-esekuzzjoni ta' sentenza jrid ikun fih indikazzjoni preċiża tas-sentenza li tkun qiegħda tiġi esegwita u dan, jekk għal ebda raġuni oħra, għax altrimenti l-Qorti tkun tista' tiġi mqarrqa b'dikjarazzjonijiet ambigwi u l-

amministrazzjoni tal-ġustizzja u tal-Qorti tiġi ntralċjata;

L-istess artikolu 275 (2) tal-Kap. 12 jgħid espressament li "meta t-titolu esekuttiv ma jkunx sentenza tal-Qorti li lilha ssir it-talba, kopja ta' dan it-titolu u ta' l-att li bih tkun saret is-sejħa għall-ħlas, meta din hija meħtieġa taħt l-artikolu 256, għandha tinġieb flimkien mat-talba";

Għad li huwa minnu li dan is-subartikolu jeskludi espressament il-każ meta tkun qiegħda tintalab l-esekuzzjoni ta' sentenza ta' l-istess Qorti, huwa ċar li din l-esklużjoni qiegħda biss għal motivi ta' prattiċità peress li l-Qorti diġà għandha s-sentenza tagħha stess. L-artikolu juri enfasi da parti tal-leġislatur fis-sens li l-Qorti trid tkun informata b'mod ċar dwar dak li qed tintalab l-esekuzzjoni tiegħu u allura b'interpretazzjoni analoġika dan għandu jfisser illi meta qiegħda tintalab l-esekuzzjoni ta' sentenza l-okkju ta' din u n-numru taċ-ċitazzjoni għall-inqas għandhom jiġu ndikati għad li mhux meħtieġ li tiġi esebita kopja tas-sentenza;

Għar-rigward tar-referenza magħmula għall-artikolu 789 tal-Kap. 12, li naturalment ma jikkontemplax dan il-każ speċifiku, jingħad li dan l-artikolu jikkontempla biss il-legalità esterna ta' l-atti ġudizzjarji u mhux is-sustanza tagħhom - li hija materja ta' legalità nterna;

It-talba ta' l-esponenti hija dwar allegata nullità tal-mandat għax dan huwa null fis-sustanza tiegħu - għax nieqes mill-indikazzjoni tas-sentenza li jitlob li jesegwixxi, dan ma jagħmilx sens - u mhux għax huwa nieqes minn xi partikolarità formali meħtieġa espressament mil-liġi;

L-artikolu 789 għalhekk ma jagħmilx għall-każ;

L-Ewwel Qorti għad li aċċettat bħala fatt illi "fil-każ in eżami saret biss referenza għal dati ta' sentenzi", fil-mandat kompliet biex tikkonkludi li din l-indikazzjoni kienet suffiċjenti peress li "iżda l-Qorti li ordnat il-ħruġ tal-mandat kienet sodisfatta li tali indikazzjoni kienet suffiċjenti biex tagħti l-provvediment opportun";

Dan l-argument huwa nġust ma' l-esponenti għax jinnega kull dritt għall-aċċess għall-Qrati biex tiġi evalwata l-legalità tal-mandat. Jekk wieħed jibda mill-premessa li l-fatt li l-mandat ħareġ huwa prova li kollox sar kif suppost allura verament m'hemmx x'tiddiskuti;

L-esponenti, filwaqt li jistiednu lil dina l-Qorti biex ma taqbilx ma' din it-teżi ta' infallibilità tas-sistema ġudizzjarju, jirrilevaw ukoll illi l-indikazzjoni tas-sentenzi li jkunu qegħdin jiġu esegwiti mhix neċessarja biss biex il-Qorti tkun sodisfatta iżda ukoll biex il-ġustizzja mhux biss issir iżda tidher ukoll li tkun qed issir. Anke l-kontroparti - li fl-aħħar mil-aħħar se jinqabdulu ħwejjġu u se jitħammiġlu ismu - għandu dritt illi jkun infurmat b'mod inekwivoku liema sentenza qiegħda tiġi esegwita kontra tiegħu u din il-ħaġa, tant importanti, ma tistax titħalla biss għall-immaġinazzjoni";

Kwantu għat-tieni talba:

"Din it-talba li kienet subordinata għall-ewwel waħda kienet titlob lill-Qorti tirrevoka u tannulla l-mandat ta' qbid wara li tiddikjara li ebda sentenza tad-19 ta' Ġunju, 1975, jew tad-29 ta' Mejju, 1991, ma kkundannat lill-atturi jew lill-predeċessuri tagħhom fil-kariga jew fil-funzjonijiet biex iħallsu lill-konvenuti l-imgħaxijiet mitluba fil-mandat;

L-Ewwel Onorabbli Qorti nterpretat din it-talba bil-mod

segwenti:

"Illi l-kwistjoni vera li tifforma l-meritu ta' din il-kawża u li l-Qorti qed tiġi mitluba tikkunsidra hi jekk parti f'kawża li tkun ġiet ikkundannata tħallas ammont bħala danni in forza ta' sentenza għandhiex ukoll tiġi tenuta responsabbli tħallas l-imgħax fuq l-ammont likwidat, kemm-il darba ma tkunx saret talba espressa għal ħlas ta' *tali imgħax fiċ-ċitazzjoni*";

Huwa ovvju illi fil-waqt li l-esponenti talbu lill-Qorti biex sempliċement tiddikjara li s-sentenzi mogħtija fid-dati in kwistjoni ma kkundannawhom biex iħallsu l-ebda imgħax - eżerċizzju sempliċi *li jinvolvi biss il-qari tas-sentenza de quo* - l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-fatt investit kwistjoni oħra - u ċjoè l-kwistjoni ġenerali dwar jekk *in abstracto* min jiġi kkundannat iħallas danni għandux ikun tenut responsabbli ukoll għall-ħlas ta' l-imgħax anke jekk ma jkunx intalab fiċ-ċitazzjoni;

Hi x'inhi r-risposta għad-domanda li nvestit l-Ewwel Qorti, dejjem jibqa' l-fatt illi biex jinħareġ mandat a bażi ta' sentenza, anke mandat għal spejjeż ġudizzjarji dovuti skond sentenza, dejjem irid ikun hemm sentenza li espressament tikkundanna lid-debitur a bażi ta' sentenzi diġà mħallsa *in toto* minnhom;

L-esponenti ma jaqblux li f'dan l-istadju, wara li s-soċjetà konvenuta kienet iddeċidiet il-pretensjoni tagħha kontra tagħhom a bażi ta' l-inċident in kwistjoni fl-1971, hija tista' llum terġa' tressaq pretensjonijiet oħra dwar l-istess inċident, però, jekk is-soċjetà konvenuta ma taqbilx din trid tagħmel kawża u mhux toħroġ mandat esekuttiv għal kreditu li mhux kanonizzat b'sentenza;

L-analoġija li ġiebet l-Ewwel Qorti dwar il-klawsola "bl-

ispejjeż" (artikolu 177 tal-Kap. 12) fil-fatt ma tapplikax għall-każ peress illi għad li l-ispejjeż mhux bilfors jintalbu espressament, biex wieħed iħallas spejjeż irid bilfors jiġi kkundannat għalihom;

L-artikolu 177 tal-Kap. 12 jikkontempla biss l-istadju tat-talba u mhux l-istadju tas-sentenzi u tal-mandati esekuttivi;

Il-fatt li meta l-leġislatur qed joħloq deroga għall-prinċipju li dak li jista' jingħata f'sentenza huwa biss dak li jkun intalab huwa għamel din id-deroga espressament, ifisser illi meta m'hemmx tali deroga espressa din ma tistax tiġi preżunta;

Di più, l-istess deroga, kif diġà ntqal aktar il-fuq, tapplika biss biex teżenta lill-attur milli jagħmel talba u mhux biex teżenta lill-Qorti milli tagħmel kundanna;

L-Ewwel Qorti spiċċat biex ikkonkludiet li "hi tal-fehma li l-interessi fuq l-ammont likwidat ma jikkostitwux oġġett distint u separat mit-talba prinċipali li tinneċessità talba *ad hoc* iżda jifformaw parti minn dawk l-istess danni li l-parti danneġġata tkun qed tirreklama";

L-esponenti ma jistgħux jifhmu kif, a bażi ta' din il-premessa, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li meta huma ħallsu l-ammont kollu ta' danni li ġew ikkundannati biex iħallsu mis-sentenzi in kwistjoni u l-ispejjeż, huma xorta ma kinux ħallsu dak kollu li hu dovut skond dawk is-sentenzi lill-kontroparti. Jekk l-imgħaxijiet huma parti ntegrali mid-danni wieħed ma jistax iħallas id-danni mingħajr ma jkun qed iħallas ukoll l-imgħaxijiet;

Fil-fehma ta' l-esponenti, u bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wieħed ma jistax jasal għall-konklużjonijiet li

laħqet dik il-Qorti fuq dan il-punt mingħajr ma jittratta lill-partijiet b'mod pależament inugwali li jivvjola d-dritt tas-smigħ xieraq u l-prinċipju ta' *l-ugwaljanza ta' kulħadd quddiem il-liġi*. Dan peress li biex tasal għall-konklużjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti trid bilfors tqis l-imgħaxijiet bħala parti integrali mid-danni għall-fini tat-talba u bħala ħaġa distinta għall-fini tal-kundanna. Tali kontradizzjoni toħloq inġustizzja fit-trattament tal-partijiet u ċertament huwa opportun li l-effetti tagħha jiġu rimedjati;

Dan kollu l-esponenti qegħdin jgħiduh apparti l-ben not u kodifikat fl-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili fis-sens illi fil-kamp ta' l-obbligazzjonijiet ċivili l-interessi *mhux talli jridu jintalbu* iżda talli jibdew jiddekorru biss mill-ġurnata li jintalbu b'att ġudizzjarju";

Għaldaqstant, l-atturi appellanti talbu illi dina l-Qorti jogħġobha *tħassar* u *tirrevoka* s-sentenza *appellata fl-ismijiet* premessi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Novembru, 1995, u minflok jogħġobha tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

L-appellati *nomine* wieġbu hekk:

Illi s-sentenza mogħtija *mill-Prim'Awla* tal-Qorti Ċivili hiaj ġusta u timmerita konferma;

Illi l-appellanti ddeduċew żewġ talbiet fiċ-ċitazzjoni minnhom intavolata u ċjoè:

"Revoka tal-Mandat ta' Qbid peress li fl-istess mandat ma hemmx indikazzjoni ċara dwar liema sentenza jew sentenzi qed tintalab l-esekuzzjoni; u

Li l-istess mandat jiġi revokat peress li bis-sentenza tad-19 ta' Ġunju, 1975, u 29 ta' Mejju, 1991, l-atturi ma ġewx ikkundannati jħallsu l-imgħaxijiet kif mitlub";

Illi dwar l-ewwel talba l-esponenti jixtiequ jirrilevaw u jissottomettu dawn il-punti:

"Illi jirriżulta li l-mandat in kwistjoni nħareġ mill-Qorti meta dina kienet sodisfatta illi t-talbiet kif dedotti kienu jirreferu għas-sentenzi msemmija fl-istess mandat;

Illi l-atturi qegħdin jikkontestaw l-ammont mitlub mhux għaliex l-ammont ta' l-interessi reklamati kif ikkalkolati fuq il-kapital likwidat huma skorretti u mhux relatati mas-sentenzi kkwotati, iżda għaliex jirritjenu illi ma huma dovuti ebda imgħax fuq l-ammont likwidat;

Illi jekk wieħed jaqra d-diċitura taċ-ċitazzjoni għandu mill-ewwel jinduna illi l-atturi aċċettaw x'kienet u għal min tirreferi t-talba tal-mandat u kienet biss b'mod sekondarju li ssemmiet in-nullità tal-mandat billi qalu illi: "di più l-istess mandat ..." ma jindikax liema huma s-sentenzi li fuqhom inħareġ il-mandat;

Illi l-istess mandat jindika min huwa l-kreditur u d-debitur in konnessjoni mal-ħruġ u esekuzzjoni ta' l-istess mandat kif ukoll a bażi ta' liema sentenza kien qiegħed jinħareġ. Huwa ovvju illi fil-mandat it-titolu esekuttiv li fuqu nħareġ jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet premessi fl-istess mandat bħala kreditur u debitur;

Illi kif sewwa irriteniet il-Qorti s-sempliċi mankanza ta' ndikazzjoni ta' l-okkju tas-sentenza ma ġġibx in-nullità tal-mandat meta dan mhuwiex każ ta' eċċezzjoni ta' nullità

speċifikata fl-artikolu *789 tal-Kap. 12 u meta di più l-*esekuzzjoni saret fuq ordni tal-Qorti riferibbilment għall-imsemmija sentenzi";

Illi l-veru kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda jekk l-imgħax mitluba humiex dovuti jew le għal bażi tas-sentenza msemmija fil-mandat u l-esponenti jixtiequ jagħmlu ·:awn is-sottomissjonijiet fir-rigward:

"Illi huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza patria illi l-imgħaxijiet mhumiex dovuti mit-talba meta d-debitu jkun inċert u illikwidu, iżda mill-jum tal-likwidazzjoni u approvazzjoni tagħha għaliex qabel dik l-approvazzjoni d-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit in mora;

Illi bħala korollarju ta' l-imsemmi prinċipju l-ġurisprudenza dejjem irriteniet illi meta d-debitu jkun ċert, jekk id-debituri jkunu jafu jew jistgħu faċilment jiddeterminaw l-ammont, kif fil-każ setgħu jagħmlu mis-sentenzi deċiżi kontra tagħhom, il-massima *in illiquidis mora non contralitur* mhix applikabbli;

Illi reċentement fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Ċivili) fil-kawża **Alfred Farrugia** ***nomine vs*** **Kummissarju tat-Taxxi Nterni**, deċiża fl-20 ta' Marzu, 1989, (Vol. LXXIII, paġ. 301), il-Qorti qalet illi meta l-ħsara li jsofri l-kreditur tikkonsisti f'illi ttellef persuna l-użu tal-flus tagħha, skond l-artikolu 1047 (1) ġà artikolu 1090 (1) tal-Kodiċi Ċivili, din għandha tissewwa bil-ħlas ta' l-imgħaxijiet fuq is-somma mħallsa;

Illi mill-provi rriżulta illi l-kapital mitlub ġie likwidat bl-ewwel sentenza fid-19 ta' Ġunju, 1976, li ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju, 1991;

Illi nonostante dan id-dekorriment taż-żmien ta' 'l fuq minn għoxrin sena mill-ewwel sentenza, l-atturi ħallsu biss is-sorti f'Mejju, 1992, sbatax-il sena wara, u b'hekk ipprivaw lill-esponenti milli jużufruwixxu mill-ammont dovut lilhom għall-perijodu hekk twil b'diprezzament tal-valur ta' l-istess flus";

Għaldaqstant l-appellati *nomine* jitolbu li dan l-appell jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

L-atturi appellanti avvanzaw żewġ talbiet fiċ-ċitazzjoni tagħhom, it-tnejn riġettati mill-Ewwel Qorti. Dwar l-ewwel talba, huma għadhom s'issa jsostnu li l-mandat esekuttiv li tiegħu qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' nullità u konsegwenti revoka huwa null għax fih ma kienx hemm indikazzjoni - la fl-okkju u lanqas fil-korp tiegħu - tas-sentenzi li tagħhom kienet qiegħda tintalab l-esekuzzjoni u, *inter alia* referenza, għall-artikoli 275 (2) u 789 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din il-Qorti kkunsidrat dan l-aggravju ta' l-appellanti u r-risposta ta' l-appellati u jidhrilha li għalkemm kien ikun ferm aħjar li kieku l-appellati ndikaw l-okkju u t-tagħrif kollu neċessarju fil-mandat esekuttiv *de quo* u, għalkemm ukoll huwa minnu li l-addebitu ta' "illoġiċità" mogħti mill-Ewwel Qorti lir-raġunament ta' l-atturi appellanti kien, fiċ-ċirkostanzi, wieħed goff u xi ftit inġust, <u>madankollu jirriżulta li f'kull stadju ta' din il-vertenza u sa mill-bidunett ta' l-otteniment tal-preċitat mandat esekuttiv, l-atturi appellanti kienu pjenament edotti u konsapevoli għal liema atti u proċeduri kien qiegħed jirreferi l-istess mandat</u>. Biżżejjed wieħed iħares lejn il-ħames (5) paragrafu tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-atturi appellanti

akkompanjanti ċ-ċitazzjoni (a fol. 4 tal-proċess). Fi kliem ieħor, li kieku rriżulta minn x'imkien li l-atturi appellanti ġew imqiegħda f'sitwazzjoni li ma jistgħux ikunu jafu dwar liema proċeduri kienu qegħdin jiġu ntimati bil-mandat esekuttiv *de quo*, allura l-każ kien ikun differenti - imma din mhijiex il-vera lanjanza ta' l-appellanti. Il-vera lanjanza, kif tajjeb inkwadratha l-Ewwel Qorti, u kif ġie sottomess ukoll mill-appellati *nomine*, ġejja mill-kontenzjoni *li skond l-appellanti t-talba* esekuttiva magħmula u fformulata kontrihom kienet bla bażi għax din kienet qiegħda tirreferi għall-ħlas ta' nteressi dovuti u li tali talba (jew ammont) dwar interessi qatt ma kienet tifforma parti u lanqas ma kienet kompriża fit-talba għall-ħlas ta' danni illi *kienet ġiet intavolata u deċiża kontra l-atturi. Irriżulta mill-atti* li meta l-Ewwel Qorti tat żmien lill-partijiet biex isirulha noti ta' osservazzjonijiet dwar il-punti kollha nvoluti fil-vertenza, l-atturi għażlu li ma jidħlux fuq din il-kwistjoni ukoll billi rritenew li ma kienx meħtieġ li jinvestu dan il-meritu "stante li huma jikkunsidraw li dan ma jiffurmaw parti mill-meritu ta' din il-kawża". Fil-fatt għalkemm huma għamlu riserva (fol. 18 tal-proċess) li, okkorrendo, kienu lesti jinvestu dan il-meritu u għalkemm l-Ewwel Qorti tat l-opportunità lill-partijiet biex jagħmlu kull sottomisjoni oħra ulterjuri, l-atturi straħu fuq l-ewwel nota tagħhom. Mid-dokumenti dok. *LC1*, *LC2*, *LC3* (a fol. 45 tal-proċess) esebiti mill-atturi stess, jemerġi bl-aktar mod evidenti li f'kull stadju, l-appellanti kienu jafu għal liema atti esekuttivi kienu qegħdin jipproċedu kontrihom l-appellati u dan kollu indipendentement mill-fatti dwar jekk dak li kien qiegħed jintalab minnhom - ħlas ta' interessi - kienx kompriż fit-talba u fl-ammont li ġie kkanonizzat a favur ta' l-esekutanti. Meta l-fatti kienu daqstant pależament ċari għal kulħadd ma *kien hemm xejn xi jwaqqaf il-proċediment inizjat mill-appellati* in kwantu dan kien abbinat mas-sentenzi ottenuti kontra l-appellanti. B'daqstant ma kienx ifisser li l-Ewwel Qorti kienet qiegħda ssegwi "*t-teżi ta' infallibilità tas-sistema ġudizzjarja*" kif suġġerit mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell (fol. 85), u

lanqas ma kien hemm xi vjolazzjoni ta' xi prinċipju tal-ġustizzja naturali kif minnhom ġie allegat. Il-kwistjoni bejn il-kontendenti ħadet madwar sittax-il sena, u issa aktar, biex tiġi determinata u għalhekk din il-Qorti tiskanta kif l-appellanti bħal donnhom baqgħu ma fehmux "liema sentenza (kienet) qiegħed tiġi esegwita kontrihom", meta manifestament il-fatti kienu ben diversi u juru xort'oħra;

Fl-aggravju dwar it-tieni talba tagħhom l-appellanti nvestew ukoll il-kwistjoni fil-meritu dwar l-interessi, ossia jekk dawn kinux kompriżi fil-ġudikat jew jekk kinux jammontaw għal pretensjoni addizzjonali u li ma kinitx kompriża fl-ammont hekk kanonizzat. L-appellanti jsostnu li darba li fit-talbiet tas-soċjetà appellata ma kienx hemm talba *ad hoc* dwar interessi, u darba li s-somma kanonizzata bis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell tħallset kif hekk ġiet deċiża, allura ma kien hemm ebda interessi dovuti jew x'jitħallsu in aġġunta ta' l-istess ammont li kien jidher fis-sentenza finali mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell. Dejjem skond l-appellanti, is-soċjetà appellata "tista' llum terġa' tressaq pretensjonijiet oħra dwar l-istess inċident, però jekk is-soċjetà konvenuta ma taqbilx din trid tagħmel kawża u mhux toħroġ mandat esekuttiv għall-kreditu li mhux kanonizzat b'sentenza";

Fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti, l-opposizzjoni u l-oġġezzjoni vera u proprja da parti ta' l-appellanti sa mill-bidunett kienet proprju dik kif ġiet elaborata fl-aħħar tal-paragrafu preċedenti. Kienet dina l-interpretazzjoni żbaljata tal-kwistjoni minn naħa ta' l-appellanti li wasslet biex l-appellanti jibqgħu jirreżistu għall-mandat esekuttiv meritu ta' din il-kawża u mhux minħabba li huma ma fehmux jew ma setgħux jifhmu dwar x'hiex huma kienu qegħdin jiġu mfittxija għall-ħlas forzat taħt l-awtorità tal-Qorti. Illi huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tagħna li meta l-ammont dovut ikun magħruf fis-sens li jkun mhux biss ċert, dovut imma kkwantifikat, allura l-

interessi dovuti, aktar u aktar f'każ fejn l-ammont in kwistjoni ġie aġġudikat minn Qorti kompetenti, jibdew jiddekorru minn dakinhar li din il-posizzjoni tkun ġiet hekk ikkristallizzata. Li kieku, *wara li l-każ mar fi stadju ta' appell, kien hemm xi* varjazzjoni fl-ammont riżultanti dovut mid-debitur, allura dan kif juri li l-ammont in kwistjoni ma kienx wieħed aċċertat u likwidat u f'każ bħal dan l-interessi ma kinux setgħu jiġu mitluba. Fil-każ in eżami però, dan ma kienx il-każ. Il-kapital dovut mill-appellanti lill-appellati ġie likwidat bl-ewwel sentenza - fid-19 ta' Ġunju, 1975 - u l-istess ammont ġie kkonfermat li kien hekk dovut b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Mejju, 1991. L-interessi għalhekk kienu dekorribbli b'effett mill-ewwel data u mhux tat-tieni. Illi għalhekk ifisser li l-aggravji ta' l-appellanti mhumiex fondati la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Novembru, 1995, fil-kawża fl-ismijiet premessi, tiċħad l-appell ta' l-atturi appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrihom.